# HERITAGE MALTA TWASSAL IL-PINZELL PROVOKATTIV TA' CALÌ F'HAL LIJA

**Stqarrija | 19 ta' Settembru 2025**

Il-wirja ta' Heritage Malta 'Niċċelebraw lil Giuseppe Calì' – it-tieni fis-sensiela 'MUŻA Ħdejk' – waslet f'Ħal Lija, ir-raħal fejn il-pinzell tal-artist ħoloq kemm sbuħija kif ukoll kritika kuraġġuża. Il-wirja tibqa' għaddejja sad-29 ta' Settembru, qabel ma timxi lejn Tas-Sliema għall-aħħar waqfa tagħha.

Issa mtellgħa fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Salvatur f'Ħal-Lija – it-tielet waqfa fil-vjaġġ tagħha – il-wirja tistieden lill-pubbliku jiskopri l-ġenjalità ta' Calì f'ambjent ieħor li miegħu għandu rabta speċjali. Il-wirja ġiet inawgurata minn Dott. Mark Sagona, il-Kap tad-Dipartiment tal-Arti u l-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta, bħala sinjal tar-relazzjoni b'saħħitha bejn Heritage Malta u l-Università. 'Niċċelebraw lil Giuseppe Calì' tiġbor flimkien uħud mill-aktar xogħlijiet magħrufa tal-artist, fosthom 'Il-Mewt ta' Dragut' (minn MUŻA), flimkien ma' opri tal-arti minn kontemporanji, abbozzi, ir-reġistri fejn huma mniżżlin it-twelid u l-mewt tiegħu, u dokumenti oħra li jitfgħu dawl fuq aspetti ta' ħajtu.

Imwieled il-Belt Valletta fl-1846, Calì tħarreġ f'Napli qabel ma rritorna Malta, fejn malajr sar wieħed mill-aktar artisti mfittxija fil-gżira. F'Ħal Lija, is-sengħa eċċezzjonali tiegħu għadha tidher f'xogħlijiet bħall-Immakulata Kunċizzjoni u l-Kruċifissjoni (1891), il-koppla tal-knisja (1893), u 'Ġesù mat-Tfal' fis-saqaf impitter tal-istess knisja (1897). Dawn il-kapolavuri, li għadhom f'posthom sal-lum, jagħtu lil din il-wirja sens qawwi ta' ritorn.

Calì spiss uża l-arti biex wassal fehmietu. F'Ħal Lija, huwa pinġa lill-profeta Ġona xxokkjat bil-figuri sproporzjonati ta' artist ieħor, u pitter lill-profeta Mikea fi xbieha tiegħu nnifsu u kiteb 'Fame Pereo' ("Qed immut bil-ġuħ") fuq sidru – bi protesta għal paga ġusta. Fuq it -tilar tal-pittura tal-'Kruċifissjoni' (1891), Calì saħansitra ħalla poeżija fejn ilmenta dwar il-preferenza għall-pitturi Taljani minflok dawk Maltin, ġlieda li mmarkat ħafna mill-karriera tiegħu.

Mario Cutajar, id-Direttur ta' MUŻA, iċ-Chairman ta' Heritage Malta u l-kuratur ta' din il-wirja, qal: "Ir-rispons li kellna għal din il-wirja, li issa waslet fit-tielet waqfa tagħha, kien inkoraġġanti ħafna. Dan huwa sinjal tajjeb, tħares minn fejn tħares lejh: l-ewwel nett għax inizjattivi bħal dawn minn MUŻA qed jaslu għand in-nies, u dan qed ikun apprezzat, kif ukoll għall-fatt li MUŻA b'din il-ħidma qed jirnexxilha tkattar l-għarfien dwar l-arti Maltija, u fuq kollox l-artist Malti. Dan iservi wkoll bħala inkoraġġiment għal MUŻA biex tkompli b'ħidma oħra – mhux biss fis-sensiela MUŻA Ħdejk u l-Malta Biennale li bħalissa jinsab fl-eqqel tat-tħejjijiet għat-tieni edizzjoni tiegħu s-sena li ġejja – imma wkoll b'inizjattivi oħra u fuq kollox bil-mużew innifsu li qed jieħu sura ġdida biex jilħaq iktar l-għanijiet li għalih twaqqaf."

Katalgu ddettaljat jakkumpanja din il-wirja. Kopji fiżiċi tiegħu huma disponibbli għall-bejgħ fil-knisja u online minn: https://heritagemalta.mt/store/muza-hdejk-niccelebraw-lil-giuseppe-cali-your-muza-celebrating-giuseppe-cali/, u verżjoni diġitali tista' tiġi aċċessata hawnhekk: https://issuu.com/heritagemt/docs/muza_hdejk_niccelebraw_lil_giuseppe_cali_cover.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Il-wirja tibqa' għaddejja fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Salvatur f'Ħal Lija sat-Tnejn 29 ta' Settembru. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mid-9:00am sas-5:45pm mit-Tnejn sas-Sibt, u minn nofsinhar sal-4:30pm il-Ħadd. Id-dħul huwa bla ħlas.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta